# Magistrat
# Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**ABDEL SALAM ABDELSLAM SALAH EL DIN**

**Illum, 23 ta' Marzu, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ABDEL SALAM ABDELSLAM SALAH EL DIN** ta' sitta w tletin sena, bin Abdul Salem u Fatima imwieled l-Egittu nhar s-sitta ta' Ottubru, 1964 u residenti St. Paul's Flats, Flat 2, Triq in-Nakkri, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita munru 18183A, gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 2000 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu, u fil-gimghat ta' qabel bhala persuna li ma hiex negozjant awtorizzat li jkollu l-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta, u bhala persuna residenti li ghandha pussess

ta’ jew l-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin minn Malta, minghajr kunsens tal-Ministru responsabbli sabiex jzomm jew ma jiddisponix minnhom favur xi persuna ohra, offra dak d-deheb jew flus barranin jew ra li jigu offerti ghall-bejgh lil negozjant li mhux awtorizzat.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 43 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju (Kap 233) datat sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 2000,esibit fl-atti a fol 17 tal-process markat bhala dokument MT 7.

Rat il-kusens tal-Avukat Generali datat tlieta w ghoxrin ta’ Marzu, 2001 sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat registrata f'dawn il-proceduri fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta’ Marzu, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotta jirrizulta u proprju mix-xhieda tal-Ispettur Mario Tonna li fl-ghoxrin ta' Ottubru, 2000 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu kif gie nfurmat minn PS 777 Joseph Zammit li kien xoghol go Pinto Wharf, il-Belt Valletta, li kien nnota persuna ta' nazzjonalita Gharbija li kienet qed issarraf xi flus minghajr awtorizzazzjoni mehtiega lil xi Gharab ohra. Dan s-Surgent ghalhekk arrest lil din il-persuna li rrizulta li kienet l-imputat odjern.

L-imputat gie interrogat u b'mod voluntarju rrilaxxja stqarrija li tinsab esibita f'dawn l-atti markata bhala dokument MT 1. Huwa jistqarr li filghodu kien sarraf elf lira fi flus maltin wara li gibidhom mill-kont kurrent tieghu sabiex ikun jista jixtri xi affarijiet. Ammetta li meta nizel ix-Xatt, sab xi nies ta' nazzjonalita Gharbija u beda jsarrfilhom xi flejjes billi jaghtihom flus maltin u huma jaghtuh flus f'dollari amerikani u dan bir-rata ta' LM44.50 jew LM 45 ghal kull mitt dollaru.

Fuq l-imputat saret tfittxija u fuq il-persuna tieghu nstabet s-somma ta' USD 3600 u disghin lira matlin oltre calculator u

ricevuta tal-Bank of Valletta li tindika li fil-hdax neqsin tnax il-minuta ta' filghodu kien ghadu kemm gibed elf lira mill-kont kurrenti tieghu.

Illi dan jirrizulta wkoll mid-dokument MT 3 u cioe r-ricevuta li giet moghtija lil imputat mill-Ispettur dwar l-oggetti li nstabu fuq il-persuna tieghu u d-dokument MT 5 li hija il-*withdrawal note* tal-Bank of Valletta.

PS 777 Joseph Zammit xehed u qal illi fl-ghoxrin ta' Ottubru, 2000 huwa kien xoghol fejn jidhol il-vapur tal-Libjani billi kien patrol dawk l-inhawi u f'daqqa w il-hin huwa ra lil imputat hdejn l-entratura tal-arrivals xi hmistax il-metru boghod mill-Ghassa jghodd l-flus u jiccekkjhom fid-dawl tax-xemx. Huwa rah jaghmel din il-mossa ill-inqas darbtejn. Mawdwaru kien hemm hafna nies. Huwa kkonferma li meta staqsa lil imputat x'kellu bzonn dawk il-flejjes kollha fuq il-persuna tieghu, huwa wiegbu li kien sejjer jixtri zarbun ghaliex saqajh kienet partikolari fis-sens li ghandu sitt iswaba.

Wara li l-Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti thoss l;I ghandha tikkummenta fuq il-konsiderazzjonijiet ta' dritt.

Principalment d-Difiza sostniet li m'ghandha tipprova xejn u hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et**[1] fejn intqal

> *"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

Illi ghalhekk jispetta lil Prosekuzzjoni tipprova l-htija tal-imputat billi tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din il-konkluzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat jrid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju

ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx l-kaz taghha ta' htija u ghalhekk l-Qorti hija obbligata li tillibera u ghalhekk li tikkondividi dak li sostniet d-Difiza in linea preliminari.

Huwa principju tal-ligi wkoll kardinali li skond l-artikolu 658 tal-Kap 9 li

> *"kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm tista' tittiehed bhala prova kontra minn ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza' jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."*

Din tidher li hija l-istess posizzjoni fl-Ingilterra kif jirrisulta mis-sentenza **Ibrahim vs The King**[2] mghotija minn **Lord Sumner** f'1914:

*"No statement by an accused is admissible in evidence against him unless it is shown by the prosecution to have been a voluntary statement, in the sense that it has not been obtained from him either by fear or prejudice or hope of advantage exercised or held out by a person in authority or by aggression."*

Illi ghalhekk stante li l-imputat fl-ebda stadju ma cahad dak li kien qal fl-istqarrija jew b'xi mod permezz ta' xhieda rribadixxa din l-istes stqarrija markata bhala dokument MT 2, din tikkostitwixxi konfessjoni ai termini tal-artikolu 658 tal-Kap 9 u torbot lill-istess imputata biha.

Naturalment il-Qorti ma taqbadx u taccetta stqarrija bla ma taghmel skrutinju taghha fuqha u cioe jekk dak li stqarr l-imputat m'ghandhux mis-sewwa jew jekk huwiex imsahhah minn xi prova ohra bhal dik cirkostanzjali, ghaliex tali provi u cioe dawk cirkostanzali huma daqshekk tajba li jippruvaw fatt bi precizjoni matematika.

L-imputat ghalkemm mhux obbligat li jirrispondi ghal domandi maghmula lilu (vide artikolu 634 tal-Kap 9), ghazel li

jixhed u ta spjiegazzjoni lil Ufficjali tal-Pulizija dwar dak li kien qed jaghmel x-Xatt nhar l-ghoxrin ta'' Ottubru, 2000,

Il-Qorti issa pero trid tara jekk dak li ghamel jikkostitwix reat.

L-imputat principalment huwa akkuzat skond l-artikolu 5(1) tal-Kap 233 li jiddisponi s-segwenti:

> "*Bhala persuna li mhux negozjant awtorizzat jkollu l-pussess ta jew l-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta u bhala persuna residenti li ghandha l-pussess ta jew l-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin minn Malta, minghajr l-kunsens tal-Ministru responsabbli sabiex jzommhom jew ma jiddisponix minnhom favur xi persuna ohra offra dak d-deheb jew flus barranin jew ra li jigu offerti ghal bejgh lil negozjant li mhux awtorizzat.*"

Mela jsegwi li jekk bniedem huwa bniedem awtorizzat ai termini tal-artikolu 3(1) tal-istess Kap ikun jista jaghmel dak li jiddisponi l-artikolu fuq imsemmi.

Hawnhekk mela l-Prosekuzzjoni qabel xejn trid tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat mhux bniedem awtorizzat. Issa skond l-artikolu 3(1) ta' dan l-Kap 233, il-Ministru tal-Finanzi jista jappunta bniedem sabiex ikun bniedem awtorizzat ai fini ta' dan l-att u ismu ghandu jidher fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil Paul Vella jixhed in rappresentanza tas-Central Bank jghid li minn ricerka li ghamel fir-records tal-Bank Centrali rigward l-imputat jirrizulta li l-imputata m'ghandhux licenzja mahruga mill-Bank Centrali sabiex jinnegozja kambju ta' flus barranin, u lanqas ma hu konness ma azjenda li huma awtorizzat jaghmel dan t-tip ta' xoghol. Illi ghalhekk permezz ta' tali xhieda, l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat mhux "*an authorized dealer*". Skond l-artikolu 3(1) tal-Exchange Control Act.

Fit-tieni lok il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat huwa residenti hawn Malta. Dan l-element il-Prosekuzzjoni wkoll ppruvatu billi ppresentat fotokopja tal-karta tal-identita maltija tal-imputat li tindika li l-imputat huwa residenti San Pawl il-Bahar u

ghalhekk ma hemmx dubbju li ghandu jitqies li huwa resident ta' Malta.

Fit-tielet lok kellha tipprova li kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew deheb jew flejjes barranin waqt li kien hawn Malta. Din tirrizulta wkoll ppruvata anke mill-ammissjoni tal-istess imputat li qal li mill-elf lira li rtira mill-bank lokali huwa kellu 2,600 dollari amerikani (vide pg. 12). Oltre dawn il-flejjes dollari li nstabu fuqu mill-Pulizija waqt s-*search.*

Fir-raba lok trid tipprova li l-imputat ma offriex dawn il-flejjes lil xi authorized dealer. Issa fil-parti preliminari taht l-ewwel parti tal-Exchange Control Act jirrizulta li t-tifsira ta' *authorized dealer* hi li

> *"authorized dealer means a person appointed as an authorized dealer under section 3 of this Act and whose appointment has not been revoked under this Act."*

Illi mill-provi prodotta jirrizulta li ftit qabel ma mar x-Xatt fejn gie arrestat, l-imputat kien go bank kif jirrizulta mid-dokument

MT 7, pero fl-ebda hin ma qal li huwa offra dawn il-flejjes li kellu fuqu u cioe l-2,600 dollari amerikani lil bank, anzi qal li nizel bihom ix-Xatt u meta xi Libjani staqsewh jsarrafx xi flejjes huwa ma oggezzjonax anzi qalilhom li sarrafhom bir-rata ta' LM44.50 jew LM45 ghall kull mitt dollaru. Din hija prova li l-imputat ma fitthix *authorized dealer* izda qabad u sarrafhom fl-ewwel okkazzjoni li kellu. Hawnhekk il-Qorti tistaqsi – x'kien qed jaghmel il-calculator fuqu ? Setgha gie uzat biex jghin lil imputat f'tifsir ta' kambju ?

**Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat ABDEL SALAM ABDELSLAM SALAH EL DIN hati u wara li rat il-fedina penali tieghu li hija relattivament nadifa salv ghal tebgha wahda registrata fl-1994 dwar ksur tal-Ligijiet tal-Immigrazzjoni, il-Qorti, rat wkoll li l-ammont ta' flus involut ma tantx kien kbir u li l-imputat kkopera mal-Prosekuzzjoni fl-istqarrija, ghalhekk fic-cirkostanzi tikkundannah multa ta' erbgha mitt lira maltin.**

**In vista tac-cirkostanzi fuq imsemmija u d-deskrizzjoni moghtija lilha bl-artikolu 42 tal-Kap 233, il-Qorti mhux ser tordna l-konfiska tal-flejjes depositati f'dawn l-atti purcke l-**

ewwel tithallas il-multa fuqu nflitta u tirrakkomanda lil imputat li jiddeposita l-flejjes barranin minnufih go bank kummercjali lokali.

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**